



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14274/22

STATIS 53
ECOFIN 1121
UEM 307

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13870/22

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE tal-2022 kif approvati mil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) fit-8 ta' Novembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l- istatistika tal-UE

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE ta' Novembru 2021, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM, u b'kont meħud tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni 2019-2024, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-UEM, l-istatistika tal-PDE, is-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi u statistika strutturali.

Ir-rispons statistiku għall-kriżijiet

Il-Kunsill JILQA' l-fatt li s-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) żguraw li statistika uffiċjali ta' kwalità għolja tkompli tiġi ppubblikata sal-iskadenza matul il-pandemija tal-COVID-19, b'domanda qawwija u li qed tikber mill-utenti. Il-Kunsill JILQA' wkoll l-involviment u l-isforzi tal-Eurostat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' gwida dwar l-aspetti statistiċi ta' miżuri ta' politika ġodda biex tiġi indirizzata l-pandemija. Il-Kunsill JAPPELLA għall-espansjoni tal-kontijiet tal-istatistika għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex jirriflettu l-impatt ta' dawn l-inizjattivi fl-istatistika tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kunsill JILQA' r-rispons tas-ESS għall-ħtiġijiet ta' statistika ġdida u aktar f'waqtha maħluqa mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatistika dwar l-enerġija, il-ktajjen tal-provvista, il-migrazzjoni u s-suq tax-xogħol, u JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tipprovdi appoġġ rilevanti lill-awtoritajiet tal-istatistika Ukreni.

F'dan il-kuntest ġenerali, il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-iżvilupp kontinwu mill-ESS ta' statistika ġdida u rilevanti ħafna, spiss fuq bażi sperimentali, b'mod partikolari dik li tkejjel l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej.

Aċċess għad-data għall-kumpilazzjoni ta' statistika uffiċjali aktar f'waqtha u aktar dettaljata

Il-Kunsill ITENNI l-importanza ta' aċċess akbar u sostnut għall-produtturi tal-istatistika uffiċjali għal sorsi ġodda ta' data. Il-Kunsill JIEĦU NOTA tad-dokument ta' pożizzjoni tal-ESS dwar il-proposta futura tal-Att dwar id-Data, u JIEĦU NOTA tad-diskussjoni dwar l-Att dwar id-Data li jmiss biex jappoġġa l-istabbiliment ta' aċċess sostnut u b'qafas legali għal data miżmuma privatament għall-kumpilazzjoni ta' statistika uffiċjali f'waqtha u aktar dettaljata. Barra minn hekk, il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS proposta possibbli mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea, li tindirizza b'mod partikolari l-kwistjoni tal-aċċess għal sorsi ġodda ta' data mill-perspettiva speċifika tal-istatistika Ewropea kif ukoll modi biex tiġi żgurata aktar aġilità u l-kapaċità ta' rispons tal-ESS.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-importanza ta' statistika finanzjarja u mhux finanzjarja preċiża u konsistenti. Huwa jappella lill-ESS u lis-SEBĊ biex isaħħu aktar il-kooperazzjoni fi ħdan u bejn is-sistemi rispettivi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI r-riflessjonijiet li għaddejjin dwar kif għandha tiġi ffaċilitata aktar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti bejn il-kompilaturi tal-istatistika.

Riżorsi adegwati għall-istatistika uffiċjali

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-Eurostat u għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika, biex jiġu indirizzati rekwiżiti ta' data urġenti inkluż dwar it-trasformazzjoni diġitali, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tibdil fil-klima, kif ukoll il-konsegwenzi tal-pandemija u l-impatti tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2022 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2022 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JAPPREZZA t-titjib ulterjuri fil-kopertura tal-pajjiż, il-puntwalità, it-tul tas-serje ta' żmien u l-kwalità inġenerali tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP).

JISSOTTOLINJA r-rwol importanti kontinwu li għandhom l-IEEP bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq perjodu qasir u JISTENNA B'INTERESS aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal.

Statistika għall-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiku (MIP) u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

Il-Kunsill JILQA' l-garanzija tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE, FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

Il-Kunsill ITENNI l-appell tiegħu lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-data statistika meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż data dwar id-dħul tal-gvern fil-forma ta' finanzjament mill-UE, jiġu rrappurtati lill-Eurostat, u jissottolinja l-importanza tal-armonizzazzjoni u t-trasparenza ta' tali data.

Statistika b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Patt Ekoloġiku Ewropew

Il-Kunsill JILQA' l-kisbiet tal-Eurostat fir-rigward tal-ġhoti ta' indikaturi statistiċi u informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli l-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi mwettqa mill-ESS biex tindirizza d-domandi għal informazzjoni mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istatistika dwar l-enerġija, l-istatistika relatata mat-tibdil fil-klima, il-kontijiet ekonomiċi ambjentali, l-istatistika dwar it-trasport u l-finanzjament sostenibbli. Il-Kunsill JILQA' l-Aġenda Klimatika tal-BĊE u l-ħidma favur it-titjib tad-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar il-klima biex jiġu identifikati u ġestiti aħjar ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mal-klima. Il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS ir-rilaxx tal-ewwel riżultati fl-oqsma tal-istrumenti finanzjarji ekoloġiċi u t-tranżizzjoni u r-riskji fiżiċi relatati mal-portafolli tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

Waqgħat li JIEĦU NOTA tal-proposti tal-Kummissjoni għall-espansjoni tal-firxa ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI l-esplorazzjoni ta' aktar żvilupp ta' indikaturi f'waqthom, filwaqt li jittieħed kont tal-piż fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-prijorità għolja ta' statistika f'waqtha dwar l-enerġija, u għalhekk JINKORAĠĠIXXI l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-Regolament emendat dwar l-Istatistika dwar l-Enerġija. Il-Kunsill JILQA' l-iżvilupp ta' indikaturi ġodda dwar l-enerġija, bl-użu ta' sorsi ġodda ta' data fejn adatt.

Statistika dwar l-Akkomodazzjoni u l-Proprietà Immobbli

Il-Kunsill JILQA' d-diskussjonijiet li għaddejjin fl-ESS u s-SEBĊ dwar kif jista' jiġi rifless aħjar il-kontribut tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fuq l-inflazzjoni, u JENFASIZZA l-importanza li jiġu evalwati bir-reqqa l-implikazzjonijiet kollha possibbli tal-għażliet differenti disponibbli.

Il-Kunsill JILQA' wkoll il-ħidma kemm tal-ESS kif ukoll tas-SEBĊ biex jittejjbu l-indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI kemm lill-ESS kif ukoll lis-SEBĊ biex ikomplu jattribwixxu l-importanza u l-urġenza neċessarji lil dawn il-kwistjonijiet.

Statistika tan-negozju

Il-Kunsill JILQA' t-titjib fl-istatistika Ewropea tan-negozju permezz tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, b'mod partikolari, fir-rigward tal-użu ta' sorsi ġodda ta' data bħall-mikrodata dwar l-esportazzjonijiet intra-UE ta' oġġetti skambjati bejn l-Istati Membri, li, bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kunsill, li għandu jippermetti tnaqqis sostanzjali tal-piż tar-rispons fuq l-intrapriżi filwaqt li jinżamm livell tajjeb ta' kwalità. Il-Kunsill JILQA' l-iżvilupp ta' indiċi ġdid tal-produzzjoni tas-servizzi. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tiżviluppa aktar l-istatistika dwar il-kontribut tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-analiżi reġjonali, l-illinkjar tal-mikrodata u l-kejl ta' intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-progress li sar mill-ESS dwar il-kejl aħjar tad-diġitalizzazzjoni, fil-kuntest tal-Komunikazzjoni dwar id-Deċennju Diġitali, u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-ESS.

Statistika demografika u soċjali

Il-Kunsill JILQA' l-pubblikazzjoni fit-28 ta' Settembru 2022 mill-Eurostat tal-projezzjonijiet aġġornati tiegħu tal-popolazzjoni fuq orizzont ta' 10 snin. Il-Kunsill ITENNI l-importanza tal-pubblikazzjoni mill-Eurostat tal-projezzjonijiet fit-tul tal-popolazzjoni sal-aħħar ta' Marzu 2023.

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza ta' statistika f'waqtha dwar il-kost lavorattiv, u JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tagħmel progress fl-istatistika relatata mal-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tuża r-rieżami tagħha li għaddej bħalissa tal-istatistika dwar is-saħħa biex tavvanza t-titjib f'din l-istatistika.

Kwalità u klassifikazzjonijiet

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tar-Rieżamijiet Bejn il-Pari mwettqa s'issa fi ħdan it-tielet ċiklu ta' Rieżamijiet bejn il-Pari tal-ESS u l-istituzzjonijiet membri tagħha, u JISTENNA li r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dawk ir-rieżamijiet u oħrajn futuri ser jitmexxew 'il quddiem biex titjeb il-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u biex tittejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Il-Kunsill JILQA' l-kunsens milħuq mill-Istati Membri fil-proċess ta' rieżami għall-klassifikazzjoni tan-NACE tal-attivitajiet ekonomiċi u JIEĦU NOTA tar-Regolament Delegat adottat mill-Kummissjoni biex iwitti t-triq għall-introduzzjoni tan-NACE Rev. 2.1 fl-oqsma tal-istatistika.